MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 149/1995/1

**Mario Blackman**

**vs.**

**Joseph Aquilina, John Aquilina, Spiridione Aquilina u Mark Aquilina u *stante* l-mewt ta' Spiridione Aquilina fil-mori tar-rikors b'digriet tal-4 ta' Frar 2002 assumew l-atti Nicholette u Nadine ahwa Aquilina**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera (aktar 'l quddiem imsejjah 'il-Bord') illi permezz tieghu r-rikorrent, wara illi ippremetta illi bi skrittura tas-27 ta' Mejju 1963 (Dok. 'A') huwa kera lil Joseph Aquilina l-fond 680, St. Joseph High Street, Hamrun ghall-perjodu ta' seba (7) snin versu l-kera, pagabbli bit-tlitt xhur bil-quddiem, ta' ghaxar xelini kuljum ghall-ewwel sentejn u ta' hdax il-xelin

kuljum wara dawn is-sentejn; illi l-kera kienet pagabbli fis-27 ta' Frar, 27 ta' Mejju, 27 ta' Awissu u 27 ta' Noembru ta' kull sena u ghalhekk l-ewwel skadenza tigi fis-27 ta' Novembru 1995; illi l-imsemmi Joseph Aquilina miet u l-intimati (Joseph, John u Spiridione ahwa Aquilina u Mark Aquilina) huma l-eredi u successuri tieghu; illi l-imsemmi Joseph Aquilina u/jew l-intimati issullokaw il-fond u ittrasferew il-kiri minghajr il-kunsens tar-rikorrent u dan sija lill-Kumpannija *Golden Harvest Manufacturing Company Limited* u sija lill-persuni ohra; talab illi dak il-Bord joghgbu: (1) jawtorizzah jiehu lura l-pussess tal-imsemmi fond 680, St. Joseph High Street, Hamrun; u (2) konsegwentement jikkundanna lill-intimati biex, fiz-zmien qasir prefiggendo, jisgumbraw mill-istess fond u ihalluh liberu favurih;

Rat ir-risposta ta' l-intimati illi permezz taghha eccepew:

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent hija inkorretta, *stante* illi ma saret l-ebda sullokazzjoni tal-fond imsemmi, u filwaqt illi j(i)nbieghu il-prodotti tal-*Golden Harvest Mfg. Co. Ltd.* mill-fond *de quo*, il-kirja kienet tal-mejjet Joseph Aquilina, u mal-mewt tieghu ghaddiet lill-eredi tieghu, l-intimati;

Illi effettivament, is-socjetà *Golden Harvest Mfg. Co. Ltd.* ma ggestix il-fond *de quo*, izda tissuplixxi biss xi oggetti minn hemm mibjugha;

Illi *inoltre*, ir-rikorrent m'huwiex il-propjetarju tal-fond in kwistjoni, izda huwa biss l-inkwilin awtur tad-drittijiet tal-intimati, u fil-fatt hemm pendenti kawza fl-ismijiet *Rose-marie Brincat vs Mario Blackman et* (Cit. Nru. 718/95) differita ghas-17 ta' Jannar 1996, u li fiha l-propjetarja Brincat qed titlob dikjarazzjoni li d-dritt tal-okkupazzjoni da parti tar-rikorrent ittermina, u ghalhekk dan il-prezenti rikors ghandu jistenna l-esitu ta' dik il-kawza sabiex jigi deciz jekk ir-rikorrent ghandux xi jedd jiipproponi din il-prezenti kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza tad-dsatax (19) ta' Mejju, 2005 illi permezz taghha l-Bord, wara illi ghamel il-konsiderazzjonijiet fiha migjuba, iddecieda hekk:
"… jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga' jiehu f'idejh il-fond 680, St. Joseph High Street Hamrun. Ghall-ghan ta' tkeccija, jaghti tlett (3) xhur zmien millum; l-ispejjez jithallsu mil[l]-intimati."

Rat ir-rikors ta' appell (fol. 158 sa 171) illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, l-appellanti talbu illi dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat illi permezz taghha, fost affarijiet ohra, issolleva s-segwenti pregudizzjali:
"Illi l-esponenti appellat jissottometti li dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti hekk kif intavolati mill-intimati appellanti, huma irritwali u nulli u bla ebda effett fil-Ligi *stante* li r-Rikors ta' l-Appell ta' l-istess intimati appellanti gie pprezentat *oltre* t-terminu ta' ghoxrin gurnata previst mill-Ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 24(2) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta";

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process, senjatament id-dokumenti esibiti mill-appellanti permezz ta' nota ipprezentata fit-tmintax (18) ta' Jannar, 2006 (fol. 183-4) u t-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tax-xhud prodott quddiemha mill-appellanti waqt l-udjenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2006, l-Avukat Dottor Simon Tortell (fol. 186-7);

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa provvediment dwar l-imsemmija pregudizzjali sollevata mill-appellat fir-risposta ta' appell tieghu, jigifieri fl-ewwel opportunità illi l-appellat kellu sabiex jissollevaha;

Illi s-sottomissjoni ta' l-appellat hija illi r-rikors ta' appell huwa irritu u null *stante* illi gie intavolat *oltre* t-terminu kontemplat mill-artikolu 24(2) tal-Kap. 69. It-test Malti ta'

dan l-artikolu jipprovdi - u kien hekk jipprovdi meta gie intavolat ir-rikors ta’ appell in kwistjoni - hekk:
“L-appell jingieb quddiem il-Qorti ta’ l-Appell kif kostitwit skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili b’rikors, fi zmien ghoxrin gurnata mid-data li fiha d-decizjoni tal-Bord tkun inghatat” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Is-sentenza appellata giet moghtija mill-Bord fid-19 ta’ Mejju, 2005 u, *ai termini* tat-test Malti tac-citat artikolu 24(2) tal-Kap. 69, abbinat ma’ l-artikolu 102, tal-Kap. 12, ir-rikors ta’ appell mill-istess sentenza seta’ jigi pprezentat sa mhux izjed tard mit-tmienja (8) ta’ Gunju, 2005. Fil-fatt ir-rikors ta’ appell in ezami gie pprezentat hamest (5) ijiem wara l-ahhar imsemmija data, precizament fit-tlettax (13) ta’ Gunju, 2005 (fol. 171). L-appellanti qed jikkontendu illi dan gara ghaliex huma pprezentaw ir-rikors ta’ appell taghhom *ai termini* ta’ dak illi jipprovdi t-test Ingliz ta’ l-artikolu 24(2) tal-Kap. 69 illi, fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami kien jipprovdi (u hekk ghadu jipprovdi) hekk:
“*The appeal shall be brought before the Court of Appeal as constituted in terms of subsection (6) of section 41 of the Code of Organization and Civili Procedure by means of an application,within twenty working days from the day on which the decision of the Board is delivered*” (sottlinear ta’ dina l-Qorti);

Ma hemmx dubbju illi, kwantu ghat-terminu *entro* liema kellu jigi prezentat rikors ta’ appell minn decizjoni tal-Bord, hemm konflitt bejn it-test Malti u bejn it-test Ingliz ta’ l-artikolu 24(2) tal-Kap. 69. Il-ligi taghna tipprovdi b’mod car u inekwivoku ghal sitwazzjoni bhal din kemm fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u kemm fl-Att ta’ l-1980 dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutarji. L-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi hekk:
“Hlief kif provdut xort’ohra mill-Parlament, kull ligi ghandha ssir kemm bil-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliz u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta’ xi ligi, it-test Malti ghandu jipprevali” (sottlinear ta’ dina l-Qorti);

filwaqt illi l-artikolu 8(3) ta’ l-Att ta’ l-1980 dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutarji jaqra hekk:
“Jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta’ xi edizzjoni riveduta, it-test Malti ghandu jipprevali” (sottlinear ta’ dina l-Qorti);

Anqas ma hemm dubbju, ghalhekk, illi fil-kaz in ezami, ir-rikors ta’ appell kellu jigi pprezentat *entro* t-terminu illi jirrizulta mit-test Malti ta’ l-artikolu 24(2) tal-Kap. 69, jigifieri, kif già inghad, sa mhux izjed tard mit-8 ta’ Gunju, 2005. La darba, kif già ukoll inghad, ir-rikors ta’ appell odjern gie intavolat fit-13 ta’ Gunju, 2005, il-prezentata tieghu saret bi ksur ta’ dak illi jipprovdi it-test prevalenti ta’ l-artikolu 24(2) tal-Kap. 69. Dan jirrendi r-rikors ta’ appell irritu u null (ara l-artikoli 98 u 789(1) tal-Kap.12, b’dan illi l-*proviso* ta’ l-imsemmi artikolu 789(1) ma jirrizultax illi huwa applikabbli ghall-kaz odjern). La darba, kif già inghad, il-kwistjoni ta’ din in-nullità giet sollevata mill-appellat fl-ewwel opportunità illi fiha setghet tigi sollevata, l-artikolu 789(2) tal-Kap. 12 mhux applikabbli ghall-kaz odjern;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddikjara r-rikors ta’ appell intavolat fit-13 ta’ Gunju, 2005 (fol. 158 sa 171) bhala irritu u null u, konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tieghu;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------